PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

2008/0140(CNS)

11.2.2009

OPINION

tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentament sesswali
(COM(2008)0426 – C6-0291/2008 – 2008/0140(CNS))

Rapporteur għal opinjoni: Donata Gottardi

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-Kummissjoni għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jistieden lill-Kummissjoni għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, li hija kompetenti minħabba l-meritu tal-argument, biex tinkludi fir-rapport tagħha dawn l-emendi li ġejjin:

Emenda 1

Proposta ta' direttiva
Titolu

Artikolu2–paragrafu2–ittra (a)	*Emenda*
dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali	Proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età, l-orjentazzjoni sesswali jew il-ġeneru

Emenda 2

Proposta ta' direttiva
Premessa 3

Artikolu2–paragrafu2–ittra (a)	*Emenda*
(3) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji fundamentali rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea. ***L-Artikolu 10 tal-Karta jirrikonoxxi d-dritt għal libertà tal-ħsieb, kuxjenza u reliġjon; l-Artikolu 21 jipprojbixxi diskriminazzjoni, inkluż għal raġunijiet ta' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali; u l-Artikolu 26 jirrikonoxxi d-dritt ta' persuni b'diżabilitajiet li jibbenefikaw mill-miżuri maħsuba sabiex jiżguraw l-indipendenza tagħhom.***	(3) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-principji fundamentali rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Konvenzjoni Ewropea ghall-Harsien tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali tal-Kunsill tal-Ewropa, u b'mod partikolari l-Artikolu 9 u 10 taghha, u mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 10, 12(2), 21 u 26 taghha.

Emenda 3

Proposta ta' direttiva
Premessa 4

Artikolu2–paragrafu2–ittra (a)	*Emenda*
(4) Is-Snin Ewropej tal-Persuni b'Diżabilitajiet fl-2003, ta' Opportunitajiet Ugwali għal Kulħadd fl-2007, u tad-Djalogu Interkulturali fl-2008 enfasizzaw il-persistenza ta' diskriminazzjoni iżda wkoll il-benefiċċji ta' diversità.	(4) Is-Snin Ewropej tal-Persuni b'Diżabilitajiet fl-2003, ta' Opportunitajiet Ugwali għal Kulħadd fl-2007, u tad-Djalogu Interkulturali fl-2008 enfasizzaw il-persistenza ta' diskriminazzjoni iżda wkoll il-benefiċċji ta' diversità.

Emenda 4

Proposta ta' direttiva
Premessa 8

Artikolu2–paragrafu2–ittra (a)	*Emenda*
(8) Il-Komunità adottat tliet strumenti legali fuq il-bażi ta' l-Artikolu 13(1) tat-Trattat tal-KE sabiex tipprevjeni u tiġġieled id-diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' sess, oriġini razjali u etnika, reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali. Dawn l-istrumenti wrew il-valur tal-leġiżlazzjoni fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni. B'mod partikolari, d-Direttiva 2000/78/KE tistabbilixxi qafas ġenerali għal trattament ugwali fl-impjieg u fix-xogħol għal raġunijiet ta' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età u orjentazzjoni sesswali. Madankollu, jibqgħu varjazzjonijiet bejn Stati Membri fuq il-livell u l-forma ta' protezzjoni minn diskriminazzjoni għal dawn ir-raġunijiet lil hinn mill-oqsma ta' l-impjieg.	(8) Il-Komunità adottat tliet strumenti legali fuq il-bażi ta' l-Artikolu 13(1) tat-Trattat tal-KE sabiex tipprevjeni u tiġġieled id-diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' sess, oriġini razjali u etnika, reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali. Dawn l-istrumenti wrew il-valur tal-leġiżlazzjoni fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni. B'mod partikolari, d-Direttiva 2000/78/KE tistabbilixxi qafas ġenerali għal trattament ugwali fl-impjieg u fix-xogħol għal raġunijiet ta' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età u orjentazzjoni sesswali. Madankollu, jibqgħu varjazzjonijiet bejn Stati Membri fuq il-livell u l-forma ta' protezzjoni minn diskriminazzjoni għal dawn ir-raġunijiet lil hinn mill-oqsma ta' l-impjieg.

Emenda 5

Proposta ta' direttiva
Premessa 8

Artikolu2–paragrafu2–ittra (a)	*Emenda*
(8) Il-Komunità adottat tliet strumenti	(8) Il-Komunità adottat tliet strumenti

legali fuq il-bażi ta’ l-Artikolu 13(1) tat-Trattat tal-KE sabiex tipprevjeni u tiġġieled id-diskriminazzjoni għal raġunijiet ta’ sess, oriġini razjali u etnika, reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali. Dawn l-istrumenti wrew il-valur tal-leġiżlazzjoni fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni. B’mod partikolari, d-Direttiva 2000/78/KE tistabbilixxi qafas ġenerali għal trattament ugwali fl-impjieg u fix-xogħol għal raġunijiet ta’ reliġjon jew twemmin, diżabilità, età u orjentazzjoni sesswali. Madankollu, jibqgħu varjazzjonijiet bejn Stati Membri fuq il-livell u l-forma ta’ protezzjoni minn diskriminazzjoni għal dawn ir-raġunijiet lil hinn mill-oqsma ta’ l-impjieg.	legali fuq il-bażi ta’ l-Artikolu 13(1) tat-Trattat tal-KE sabiex tipprevjeni u tiġġieled id-diskriminazzjoni għal raġunijiet ta’ sess, oriġini razjali u etnika, reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali. Dawn l-istrumenti wrew il-valur tal-leġiżlazzjoni fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni. B’mod partikolari, d-Direttiva 2000/78/KE tistabbilixxi qafas ġenerali għal trattament ugwali fl-impjieg u fix-xogħol għal raġunijiet ta’ reliġjon jew twemmin, diżabilità, età u orjentazzjoni sesswali. Madankollu, jibqgħu varjazzjonijiet bejn Stati Membri fuq il-livell u l-forma ta’ protezzjoni minn diskriminazzjoni għal dawn ir-raġunijiet lil hinn mill-oqsma ta’ l-impjieg.

Emenda 6

Proposta ta' direttiva
Premessa 9

Artikolu2–paragrafu2–ittra (a)	*Emenda*
(9) Għaldaqstant, il-leġiżlazzjoni għandha tipprjobixxi diskriminazzjoni bbażata fuq reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali fi sfera ta’ oqsma barra s-suq tax-xogħol, inkluż protezzjoni soċjali, edukazzjoni u aċċess għal u provvista ta’ oġġetti u servizzi, inkluż akkomodazzjoni. Għandha tipprovdi għal miżuri sabiex tiżgura l-aċċess ugwali ta’ persuni b’diżabilitajiet għall-oqsma koperti.	(9) Għaldaqstant, il-leġiżlazzjoni għandha tipprjobixxi diskriminazzjoni bbażata fuq reliġjon jew twemmin, diżabilità, età, orjentazzjoni sesswali jew ġeneru fi sfera ta’ oqsma barra s-suq tax-xogħol, inkluż protezzjoni soċjali, edukazzjoni u aċċess għal u provvista ta’ oġġetti u servizzi, inkluż akkomodazzjoni. Għandha tipprovdi għal miżuri sabiex tiżgura l-aċċess ugwali għall-oqsma koperti ***lil persuna ta' xi reliġjon jew twemmin, ta' xi diżabilità, ta' xi età jew ta' xi orjentament sesswali li jkunu, jew li jkollha kombinazzjoni ta' dawn il-karatteristiċi speċifiċi, u tal-persuni assoċjati ma' tali persuna.***

Emenda 7

Proposta ta' direttiva
Premessa 11

Artikolu2–paragrafu2–ittra (a)	*Emenda*
(11) Din id-Direttiva għandha tkun bla ħsara għall-kompetenza ta' l-Istati Membri fl-oqsma ta' edukazzjoni, sigurtà soċjali u protezzjoni tas-saħħa. Din għandha tkun ukoll bla ħsara għar-rwol essenzjali u diskrezzjoni wiesgħa ta' l-Istati Membri fil-provvista, kummissjoni u organizzazzjoni ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali.	(11) ***L-għand ta' din id-Direttiva huwa li tkun missielta d-diskriminazzjoni u jitħares il-proċess tal-inklużjoni u l-integrazzjoni.*** Din id-Direttiva għandha tkun bla ħsara għall-kompetenza ta' l-Istati Membri fl-oqsma ta' edukazzjoni, sigurtà soċjali u protezzjoni tas-saħħa. Din għandha tkun ukoll bla ħsara għar-rwol essenzjali u diskrezzjoni wiesgħa ta' l-Istati Membri fil-provvista, kummissjoni u organizzazzjoni ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali.

Emenda 8

Proposta ta' direttiva
Premessa 12

Artikolu2–paragrafu2–ittra (a)	*Emenda*
(12) B'diskriminazzjoni huwa mifhum li tinkludi diskriminazzjoni diretta u indiretta, fastidju, istruzzjonijiet għal diskriminazzjoni u ċ-ċaħda ta' akkomodazzjoni raġonevoli.	(12) B'diskriminazzjoni huwa mifhum li tinkludi diskriminazzjoni diretta u indiretta, fastidju, istruzzjonijiet għal diskriminazzjoni u ċ-ċaħda ta' akkomodazzjoni raġonevoli.

Emenda 9

Proposta ta' direttiva
Premessa 12 a (ġdida) Emenda

Artikolu2–paragrafu2–ittra (a)	*Emenda*
	id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentament sesswali ta' xi persuna, jew fuq taħlita ta' dawn il-fatturi, kif ukoll fuq ir-reliġjon, il-konvinzjonijiet, id-diżabilità jew l-età preżunti u fuq l-orjentament sesswali preżunt ta' xi persuna jew ta' persuna li din tal-aħħar tkun marbuta magħha jew

	jiġi preżunt li hija hekk marbuta. presume sia legata.

Emenda 10

Proposta ta' direttiva
Premessa 13

Artikolu2–paragrafu2–ittra (a)	*Emenda*
(13) Fl-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali irrispettivament mir-reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali, il-Komunità għandha, skond l-Artikolu 3(2) tat-Trattat KE, timmira sabiex telimina inugwaljanzi, u li tippromwovi ugwaljanza bejn irġiel u nisa, speċjalment peress li n-nisa huma ħafna drabi l-vittmi ta' diskriminazzjoni multipla.	(13) Fl-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali irrispettivament mir-reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali, il-Komunità għandha, skond l-Artikolu 3(2) tat-Trattat KE, timmira sabiex telimina inugwaljanzi, u li tippromwovi ugwaljanza bejn irġiel u nisa, speċjalment peress li n-nisa huma ħafna drabi l-vittmi ta' diskriminazzjoni multipla.

Emenda 11

Proposta ta' direttiva
Premessa 14

Artikolu2–paragrafu2–ittra (a)	*Emenda*
(14) L-apprezzament tal-fatti li minnhom jista' jkun preżunt li kien hemm diskriminazzjoni diretta jew indiretta għandu jibqa' f'idejn il-korpi nazzjonali ġudizzjali jew korpi kompetenti oħra skond ir-regoli tal-liġi jew prattika nazzjonali. Dawn ir-regoli jistgħu jipprovdu, b'mod partikolari, għal diskriminazzjoni indiretta li għandha tkun stabbilita bi kwalunkwe mezz inkluż fuq il-bażi ta' evidenza statistika.	(14) L-apprezzament tal-fatti li minnhom jista' jkun preżunt li kien hemm diskriminazzjoni diretta jew indiretta għandu jibqa' f'idejn il-korpi nazzjonali ġudizzjali jew korpi kompetenti oħra skond ir-regoli tal-liġi jew prattika nazzjonali. Dawn ir-regoli jistgħu jipprovdu, b'mod partikolari, għal diskriminazzjoni indiretta li għandha tkun stabbilita bi kwalunkwe mezz inkluż fuq il-bażi ta' evidenza statistika.

Emenda 12

Proposta ta' direttiva
Premessa 15

Artikolu2–paragrafu2–ittra (a)	*Emenda*
(15) Il-fatturi attwarjali u ta' riskju li għandhom x'jaqsmu ma' diżabilità u età jintużaw fl-għoti ta' assigurazzjoni, servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra. Dawn ma għandhomx jitqiesu li jikkostitwixxu diskriminazzjoni fejn il-fatturi jkunu jidhru li huma fatturi ewlenin għall-evalwazzjoni tar-riskju.	(15) Il-fatturi attwarjali u ta' riskju li għandhom x'jaqsmu ma' diżabilità u età jintużaw fl-għoti ta' assigurazzjoni, servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra. Dawn ma għandhomx jitqiesu li jikkostitwixxu diskriminazzjoni ***fil-każijiet biss*** fejn il-fatturi jkunu jidhru li huma fatturi ewlenin għall-valutazzjoni tar-riskju ***u ma jirriżultawx f'differenzi sproporzjonati u inġustifikati fit-trattament.***

Emenda 13

Proposta ta' direttiva
Premessa 16

Artikolu2–paragrafu2–ittra (a)	*Emenda*
(16) L-individwi kollha jgawdu l-libertà li jikkuntrattaw, inkluż il-libertà li jagħżlu sieħeb kuntrattwali għal tranżazzjoni. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għal tranżazzjonijiet ekonomiċi magħmula minn individwi li għalihom dawn it-tranżazzjonijiet ma jikkostitwixxux l-attività professjonali jew kummerċjali tagħhom.	***imħassar***

Emenda 14

Proposta ta' direttiva
Premessa 17

Artikolu2–paragrafu2–ittra (a)	*Emenda*
(17) Filwaqt li jipprojbixxu diskriminazzjoni, huwa importanti li jkunu rispettati drittijiet u libertajiet fundamentali oħrajn, inkluż il-protezzjoni tal-ħajja privata u familjari u tranżazzjonijiet	(17) Filwaqt li jipprojbixxu diskriminazzjoni, huwa importanti li jkunu rispettati drittijiet u libertajiet fundamentali oħrajn, inkluż il-protezzjoni tal-ħajja privata u familjari u tranżazzjonijiet

imwettqa f'dak il-kuntest, il-libertà ta' reliġjon, u l-libertà ta' assoċjazzjoni. Din id-Direttiva hi bla ħsara għal liġijiet nazzjonali dwar l-istat ċivili jew familjari, inkluż fuq drittijiet riproduttivi. Hija wkoll bla ħsara għan-natura sekulari ta' l-Istat, l-istituzzjonijiet jew il-korpi ta' l-istat, jew l-edukazzjoni.	imwettqa f'dak il-kuntest, il-libertà ta' reliġjon, u l-libertà ta' assoċjazzjoni. Hija wkoll bla ħsara għan-natura sekulari ta' l-Istat, l-istituzzjonijiet jew il-korpi ta' l-istat, jew l-edukazzjoni. ***Din id-Direttiva għandha tapplika wkoll għas-sħubijiet de facto u għall-unjonijiet ċivili fejn dawn huma rikonouxxti mil-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri u għall-benefiċċji soċjali derivanti minnhom.***

Emenda 15

Proposta ta' direttiva
Premessa 18

Artikolu2–paragrafu2–ittra (a)	*Emenda*
(18) L-Istati Membri huma responsabbli għall-organizzazzjoni u l-kontenut ta' l-edukazzjoni. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Kompetenzi għas-Seklu 21: Aġenda għal Kooperazzjoni Ewropea dwar l-Iskejjel tisħaq fuq il-ħtieġa ta' attenzjoni speċjali li trid tingħata lil tfal żvantaġġati u dawk bi bżonnijiet edukattivi speċjali. B'mod partikolari l-liġi nazzjonali tista' tipprovdi għad-differenzi fl-aċċess għal istituzzjonijiet edukattivi bbażati fuq ir-reliġjon jew it-twemmin. L-Istati Membri jistgħu wkoll jippermettu jew jipprojbixxu l-ilbies jew il-wiri ta' simboli reliġjuži fl-iskola.	(18) L-Istati Membri huma responsabbli għall-organizzazzjoni u l-kontenut ta' l-edukazzjoni. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Kompetenzi għas-Seklu 21: Aġenda għal Kooperazzjoni Ewropea dwar l-Iskejjel tisħaq fuq il-ħtieġa ta' attenzjoni speċjali li trid tingħata lil tfal żvantaġġati u dawk bi bżonnijiet edukattivi speċjali. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu d-differenzi ta' trattament fl-aċċess għall-istituti skolastiċi msejsin fuq ir-reliġjon jew konvinzjoni bil-kondizzjoni li dawn ikunu neċessarji u proporzjonati u ma jikkostitwixxux ksur tad-dritt għall-edukazzjoni. L-Istati Membri jistgħu wkoll jippermettu jew jipprojbixxu l-ilbies jew il-wiri ta' simboli reliġjuži fl-iskola.

Emenda 16

Proposta ta' direttiva
Premessa 19

Artikolu2–paragrafu2–ittra (a)	*Emenda*
(19) L-Unjoni Ewropea fid-Dikjarazzjoni tagħha Nru 11 dwar is-sitwazzjoni ta' knejjes u organizzazzjonijiet mhux konfessjonali, annessi ma' l-Att Finali tat-Trattat ta' Amsterdam, espressament irrikonoxxiet li tirrispetta u ma	(19) L-Unjoni Ewropea fid-Dikjarazzjoni tagħha Nru 11 dwar is-sitwazzjoni ta' knejjes u organizzazzjonijiet mhux konfessjonali, annessi ma' l-Att Finali tat-Trattat ta' Amsterdam, espressament irrikonoxxiet li tirrispetta u ma

tippreġudikax is-sitwazzjoni skond liġi nazzjonali ta' knejjes u assoċjazzjonijiet jew komunitajiet reliġjużi fl-Istati Membri u li ugwalment tirrispetta s-sitwazzjoni ta' organizzazzjonijiet filosofiċi u mhux konfessjonali. Miżuri li jippermettu li persuni b'diżabilitajiet ikollhom aċċess effettiv mhux diskriminatorju għal oqsma koperti minn din id-Direttiva għandhom rwol importanti fl-assigurazzjoni ta' ugwaljanza totali fil-prattika. Furthermore, individual measures of reasonable accommodation may be required in some cases to ensure such access. ***In neither case are measures required that would impose a disproportionate burden. Meta jiġi evalwat jekk il-piż huwiex sproporzjonat, għandhom jitqiesu għadd ta' fatturi inklużi d-daqs, ir-riżorsi u n-natura ta' l-organizzazzjoni. Il-prinċipju ta' akkomodazzjoni raġonevoli u ta' piż sproporzjonat huma stabbiliti fid-Direttiva 2000/78/KE u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilitajiet.***	tippreġudikax is-sitwazzjoni skond liġi nazzjonali ta' knejjes u assoċjazzjonijiet jew komunitajiet reliġjużi fl-Istati Membri u li ugwalment tirrispetta s-sitwazzjoni ta' organizzazzjonijiet filosofiċi u mhux konfessjonali. Miżuri li jippermettu li persuni b'diżabilitajiet ikollhom aċċess effettiv mhux diskriminatorju għal oqsma koperti minn din id-Direttiva għandhom rwol importanti fl-assigurazzjoni ta' ugwaljanza totali fil-prattika. Furthermore, individual measures of reasonable accommodation may be required in some cases to ensure such access. ***L-Istati Membri għandhom jipprovdu aċċess effettiv u mhux diskriminatorju permezz ta' interventi approprjati, magħduda l-eliminazzjoni ta' xkiel fiżiku, l-aktar fl-edifiċi pubbliċi u fil-mezzi tat-trasport pubbliċi wkoll għall-minuti u għall-anzjani u dawk li jieħdu ħsiebhom.***

Emenda 17

Proposta ta' direttiva
Premessa 21

Artikolu2–paragrafu2–ittra (a)	*Emenda*
(21) Il-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni għandha tkun bla ħsara għaż-żamma jew adozzjoni minn Stati Membri ta' miżuri maħsuba sabiex jipprevjenu jew jikkumpensaw għal żvantaġġi li għandhom ċerti gruppi ta' persuni minħabba r-reliġjon jew it-twemmin tagħhom, id-diżabilità tagħhom, l-età tagħhom, il-ġeneru tagħhom jew l-orjentazzjoni sesswali tagħhom. Dawn il-miżuri jistgħu jawtorizzaw l-eżistenza ta' organizzazzjonijiet ta' persuni ta' reliġjon jew ta' twemmin, ta' diżabilità, ta' età, ta' ġeneru jew ta' orjentazzjoni sesswali partikolari meta l-għan ewlieni tagħhom ikun il-promozzjoni tal-bżonnijiet	(21) Ma' dawn jistgħu jiżdiedu l-miżuri maħsubin biex jippromwovu l-ugwaljanza fit-trattament u l-opportunitajiet indaqs li jqisu d-dimensjoni tas-sess u l-azzjonijiet pożittivi bl-objettiv li jirrispondu għall-bżonnijiet speċifiċi ta' persuni jew kategoriji ta' persuni li, minħabba l-karatteristiċi tagħhom, jeħtieġu strutturi, servizzi u assistenza li ma humiex neċessarji għal persuni oħra. ***Dan jista' jkun akkumpanjat minn miżuri intiżi ħalli jippromwovu t-trattament ugwali u l-opportunitajiet indaqs li jqisu d-dimensjoni tal-ġens u l-azzjonijiet affermattivi mmirati lejn is-sodisfazzjon***

speċifiċi ta’ dawk il-persuni.	***tal-ħtiġiet speċjali ta' xi persuni jew kategoriji ta' persuni li, minħabba l-karatteristiċi tagħhom, jeħtieġu l-istrutturi, is-servizzi u l-assistenza li oħrajn ma jkunux jeħtieġu.*** Dawn il-miżuri jistgħu jawtorizzaw l-eżistenza ta’ organizzazzjonijiet ta’ persuni ta’ reliġjon jew ta’ twemmin, ta’ diżabilità, ta’ età, ta’ orjentazzjoni sesswali jew ta’ ġeneru partikolari meta l-għan ewlieni tagħhom ikun il-promozzjoni tal-bżonnijiet speċifiċi ta’ dawk il-persuni.

Emenda 18

Proposta ta' direttiva
Premessa 23

Artikolu2–paragrafu2–ittra (a)	*Emenda*
(23) Persuni li kienu suġġetti għal diskriminazzjoni bbażata fuq reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali għandu jkollha mezz adegwat ta’ protezzjoni legali. Sabiex jipprovdu livell iktar effettiv ta’ protezzjoni, assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet jew entitajiet legali oħra għandu jkollhom il-poter fi proċedimenti, inkluż f’isem jew b’appoġġ ta’ xi vittma, bla ħsara għal regoli nazzjonali ta’ proċedura li jirrigwardaw rappreżentazzjoni u difiża quddiem il-qrati.	(23) Persuni li kienu suġġetti għal diskriminazzjoni bba¿ata fuq reliġjon jew twemmin, di¿abilità, età, orjentazzjoni sesswali jew ġeneru għandu jkollha mezz adegwat ta’ protezzjoni legali. Sabiex jipprovdu livell iktar effettiv ta’ protezzjoni, assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet jew entitajiet legali oħra għandu jkollhom il-poter fi proċedimenti, inkluż f’isem jew b’appoġġ ta’ xi vittma, bla ħsara għal regoli nazzjonali ta’ proċedura li jirrigwardaw rappreżentazzjoni u difiża quddiem il-qrati.

Emenda 19

Proposta ta' direttivaPremessa 24

Artikolu2–paragrafu2–ittra (a)	*Emenda*
(24) Ir-regoli dwar l-oneru tal-prova għandhom ikunu adattati meta jkun hemm każ ta’ diskriminazzjoni prima facie u, sabiex ikun applikat effettivament il-prinċipju ta’ trattament, l-oneru tal-prova għandu jerġa’ jmur lura fuq il-konvenut meta evidenza ta’ din id-diskriminazzjoni hija ppreżentata. ***Madankollu, mhuwiex***	(24) Ir-regoli dwar l-oneru tal-prova għandhom ikunu adattati meta jkun hemm każ ta’ diskriminazzjoni prima facie u, sabiex ikun applikat effettivament il-prinċipju ta’ trattament, l-oneru tal-prova għandu jerġa’ jmur lura fuq il-konvenut meta evidenza ta’ din id-diskriminazzjoni hija ppreżentata. ***L-Istati Membri jistgħu***

f'idejn il-konvenut li jagħti prova li r-rikorrent għandu reliġjon jew twemmin partikolari, għandu diżabilità partikolari, huwa ta' età partikolari jew għandu orjentazzjoni sesswali partikolari.	***jadottaw dispożizzjonijiet li huma aktar favorevoli għall-attur.***

Emenda 20

Proposta ta' direttiva
Premessa 26

Artikolu2–paragrafu2–ittra (a)	*Emenda*
(26) Fir-riżoluzzjoni tiegħu dwar is-segwitu tas-Sena Ewropea ta' Opportunitajiet Indaqs għal Kulħadd (2007), il-Kunsill sejjaħ għall-assoċjazzjoni kollha tas-soċjetà ċivili, inkluż organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw nies fir-riskju ta' diskriminazzjoni, imsieħba soċjali u persuni interessati fid-disinn ta' politiki u programmi immirati sabiex jipprevjenu diskriminazzjoni u jippromwovu ugwaljanza u opportunitajiet ugwali, fuq livelli Ewropej u nazzjonali.	(26) Fir-riżoluzzjoni tiegħu dwar is-segwitu tas-Sena Ewropea ta' Opportunitajiet Indaqs għal Kulħadd (2007), il-Kunsill sejjaħ għall-assoċjazzjoni kollha tas-soċjetà ċivili, inkluż organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw nies fir-riskju ta' diskriminazzjoni, imsieħba soċjali u persuni interessati fid-disinn ta' politiki u programmi immirati sabiex jipprevjenu diskriminazzjoni u jippromwovu ugwaljanza u opportunitajiet ugwali, fuq livelli Ewropej u nazzjonali. ***B'dan quddiem għajnejhom, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi biex jiżguraw li d-dispożizzjonijiet misjubin fid-Direttiva u dawk ġa fis-seħħ f'dan il-qasam jinġiebu għall-konjizzjoni tal-pubbliku tal-istakeholders – permezz ta' kampanji ta' informazzjoni u fl-istampa mmirati inter alia lejn l-eliminazzjoni tal-isterjotipi – b'mezzi xierqa, adegwati u aċċessibbli (bħalma huma l-lingwaġġ tas-sinjali jew websajts speċjali għal dawk neqsin mid-dawl).***

Emenda 21

Proposta ta' direttiva
Premessa 27

Artikolu2–paragrafu2–ittra (a)	*Emenda*
(27) Esperjenza fl-applikazzjoni tad-Direttivi 2000/43/KE u 2004/113/KE turi li	(27) L-esperjenza fl-applikazzjoni tad-Direttivi 2000/43/KE u 2004/113/KE turi li

l-protezzjoni minn diskriminazzjoni għar-raġunijiet koperti minn din id-Direttiva tkun imsaħħa bl-eżistenza ta' korp jew korpi f'kull Stat Membru, bil-kompetenza li tanalizza l-problemi involuti, tistudja soluzzjonijiet possibbli u tipprovdi assistenza konkreta għall-vittmi.	l-protezzjoni minn diskriminazzjoni għar-raġunijiet koperti minn din id-Direttiva tkun imsaħħa bl-eżistenza ta' korp jew korpi ***indipendenti*** f'kull Stat Membru, ***għal kull wieħed mill-varji fatturi ta' diskriminazzjoni,*** bil-kompetenza li tanalizza l-problemi involuti, tistudja soluzzjonijiet possibbli***, jipprovdi tagħrif u taħriġ,*** u tipprovdi assistenza konkreta għall-vittmi***, inkluż f'każijiet ta' diskriminazzjoni multipla biex b'hekk dawk li jħossuhom vittmi ta' diskriminazzjoni multipla jkunu jistgħu jagħżlu għand liem korp jirrikorru – kif ukoll lil min jingaġġaw biex jiddefendihom fil-proċedimenti ġudizzjarji jew amministrattivi.***

Emenda 22

Proposta ta' direttiva
Premessa 29

Artikolu2–paragrafu2–ittra (a)	*Emenda*
(29) L-Istati Membri għandhom jipprovdu sanzjonijiet effettivi, proporzjonali u disswasivi f'każijiet ta' ksur ta' l-obbligazzjonijiet skond din id-Direttiva.	(29) L-Istati Membri għandhom jipprovdu sanzjonijiet effettivi, proporzjonali u disswasivi ***li jirriżultaw fiċ-ċessazzjoni tal-imġiba diskriminatorja u t-tneħħija tal-effetti tagħha*** f'każijiet ta' ksur ta' l-obbligazzjonijiet skond din id-Direttiva

Emenda 23

Proposta ta' direttiva
Artikolu 1

Artikolu2–paragrafu2–ittra (a)	*Emenda*
Din id-Direttiva tistabbilixxi qafas li jiġġieled id-diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali, sabiex ikollu effett fl-Istati Membri l-prinċipju ta' trattament ugwali minbarra fl-oqsma ta' impjieg u professjoni.	Din id-Direttiva tistabbilixxi qafas li jiġġieled id-diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali, sabiex ikollu effett fl-Istati Membri l-prinċipju ta' trattament ugwali minbarra fl-oqsma ta' impjieg u professjoni.

Ġustifikazzjoni

Huwa neċessarju li ndaħħlu l-fattispeċje tad-diskriminazzjoni multipla in konsiderazzjoni talfatt illi s-sess ta' dak li jkun huwa element li jidher fil-mottivi kollha ta' diskriminazzjoni u l-fattispeċje tad-diskriminazzjoni b'assoċjazzjoni li jolqot b'mod partikolari lin-nisa.

Emenda 24

Proposta ta' direttiva
Artikolu 2–paragrafu 1

Artikolu2–paragrafu2–ittra (a)	*Emenda*
1. Għall-finijiet ta’ din id-Direttiva, l-“prinċipju ta’ trattament ugwali” għandu jfisser li ma għandux ikun hemm diskriminazzjoni diretta jew indiretta għal kwalunkwe mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 1.	1. Għall-finijiet ta’ din id-Direttiva, l-“prinċipju ta’ trattament ugwali” għandu jfisser li ma għandux ikun hemm diskriminazzjoni diretta jew indiretta għal kwalunkwe mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 1.

Ġustifikazzjoni

Huwa neċessarju li jiddaħħal il-kunċett tad-diskriminazzjoni multipla u b'assoċjazzjoni biex ikunu jistgħu jiġu affrontati b'mod effikaċi l-każijiet li fihom żewġ forom jew aktar ta' diskriminazzjoni jitwaħħdu u jqegħdu lill-vittma f'qagħda ta' aktar vulnerabilità u diffikultà maġġuri fil-fażi tar-rikors ġudizzjali.

Emenda 25

Proposta ta' direttiva
Artikolu2 – paragrafu2 – punt a

Artikolu2–paragrafu2–ittra (a)	*Emenda*
(a) diskriminazzjoni diretta għandha tkun ikkunsidrata li sseħħ meta persuna waħda hija trattata b’mod inqas favorevoli milli oħra hi, kienet jew se tkun trattata f’sitwazzjoni simili, għal kwalunkwe mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 1;	(a) diskriminazzjoni diretta għandha tkun ikkunsidrata li sseħħ meta persuna waħda hija trattata b’mod inqas favorevoli milli oħra hi, kienet jew se tkun trattata f’sitwazzjoni simili, għal kwalunkwe mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 1;

Ġustifikazzjoni

Huwa opportun li jiddaħħal il-kunċett tad-diskriminazzjoni multipla, definit aktar ’il quddiem, u dan saħansitra hekk malli tissemma d-diskriminazzjoni diretta.

Emenda 26

Proposta ta' direttiva
Artikolu2 – paragrafu 2 – punt b

Artikolu2–paragrafu2–ittra (a)	*Emenda*
(b) diskriminazzjoni indiretta għandha tkun ikkunsidrata li sseħħ meta dispożizzjoni, kriterju jew prattika apparentement newtrali tpoġġi lil persuni ta' reliġjon jew twemmin partikolari, diżabilità partikolari, età partikolari, jew orjentazzjoni sesswali partikolari fi żvantaġġ partikolari mqabbel ma' persuni oħra, sakemm dik id-dispożizzjoni, kriterju jew prattika ma tkunx oġġettivament ġustifikata minn għan leġittimu u l-mezzi li bihom jintlaħaq dak l-għan huma approprjati u neċessarji.	(b) diskriminazzjoni indiretta għandha tkun ikkunsidrata li sseħħ meta dispożizzjoni, kriterju jew prattika apparentement newtrali tpoġġi lil persuni ta' reliġjon jew twemmin partikolari, diżabilità partikolari, età partikolari, jew orjentazzjoni sesswali ***jew ġens*** partikolari***, jew kombinazzjoni ta' dawn il-karatteristiċi speċifiċi – jew persuni assoċjati magħhom -*** fi żvantaġġ partikolari mqabbel ma' persuni oħra, sakemm dik id-dispożizzjoni, kriterju jew prattika ma tkunx oġġettivament ġustifikata minn għan leġittimu u l-mezzi li bihom jintlaħaq dak l-għan huma approprjati u neċessarji, ***hemm xi ħaga li hija d-diskriminazzjoni bl-assoċjazzjoni, li biha persuna tisfa affettwata sfavorevolment b'riżultat ta' relazzjoni diretta ma' nies ta' reliġjon jew ġabra ta' twemmin partikolari, jew b'diżabilità, jew ta' ċerta età jew orjentament sesswali. Id-diskriminazzjoni minħabba assoċjazzjoni għandha r-reputazzjoni li tolqot persuni marbutin permezz ta' rabtiet affettivi jew li jkunu meqjusa li għandhom rabtiet affettivi mingħajr ma neċessarjament ikunu jgħixu flimkien u indipendentement mill-uffiċjalizzazzjoni legali ta' żwieġ jew affiljazzjoni ma' persuni li jipprattikaw reliġjon jew li għandhom konvinzjonijiet partikolari, li għandhom diżabilità, li għandhom ċertu età jew orjentazzjoni sesswali partikolari.***

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li tiddaħħal fin-nozzjoni tad-diskriminazzjoni indiretta kemm il-kunċett tad-diskriminazzjoni multipla kif ukoll dak tad-diskriminazzjoni b'assoċjazzjoni li tmiss lil persuni marbutin mal-vittmi tad-diskriminazzjoni.

Emenda 27

Proposta ta' direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 2 – ittra b b (ġdida)

Artikolu2–paragrafu2–ittra (a)	*Emenda*
	(ba) **(b a) ikun hemm diskriminazzjoni multipla meta d-diskriminazzjoni tkun imsejsa fuq taħlita ta' żewġ mottivi jew aktar minn dawk imsemmijin fl-artikoli 12 u 13 tat-Trattat KE.**

Ġustifikazzjoni

Huwa neċessarju li tiddaħħal definizzjoni ta' diskriminazzjoni multipla fil-kwadru tad-definizzjonijiet ta' din il-proposta ta' direttiva.

Emenda 28

Proposta ta' direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 2 – ittra b b (ġdida)

Artikolu2–paragrafu2–ittra (a)	*Emenda*
	(bb) (b c) ikun hemm diskriminazzjoni b'assoċjazzjoni meta persuna tbati konsegwenzi negattivi għall-fatt li jkollha rabta diretta ma' persuni li għandhom reliġjon partikolari jew konvinzjoni, diżabilità, età jew orjentament sesswali partikulari. Id-diskriminazzjoni b'assoċjazzjoni tinvolvi persuni marbutin - jew li jiġi preżunt li huma hekk marbutin - minn rabtiet affettivi - mhux neċessarjament li jkunu jgħixu flimkien u indipendentement mill-formalizzazzjoni ġuridika tar-relazzjoni matrimonjali jew ta' filjazzjoni - ma' persuni li għandhom reliġjon partikolari jew konvinzjoni, diżabilità, età jew orjentament sesswali partikolari.

Ġustifikazzjoni

Huwa opportun li tiġi definita d-diskriminazzjoni b'assoċjazzjoni.

Emenda 29

Proposta ta' direttiva
Artikolu 2–paragrafu 3

Artikolu2–paragrafu2–ittra (a)	*Emenda*
3. Fastidju għandu jitqies bħala forma ta’ diskriminazzjoni fis-sens tal-paragrafu 1, meta kondotta mhix mixtieqa li għandha x'taqsam ma' kwalunkwe mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu sseħħ bl-iskop jew effett li tmur kontra d-dinjità ta’ persuna u ta’ ħolqien ta’ ambjent intimidanti, ostili, degradanti, umiljanti jew offensiv.	3. Fastidju għandu jitqies bħala forma ta’ diskriminazzjoni fis-sens tal-paragrafu 1, meta kondotta mhix mixtieqa li għandha x'taqsam ma' kwalunkwe mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu sseħħ bl-iskop jew effett li tmur kontra d-dinjità ta’ persuna u ta’ ħolqien ta’ ambjent intimidanti, ostili, degradanti, umiljanti jew offensiv.

Ġustifikazzjoni

Għall-koerenza huwa utli li tiddaħħal il-konsiderazzjoni tal-"mottivi multipli" ukoll dwar il-fastidju.

Emenda 30

Proposta ta' direttiva
Artikolu2–paragrafu 3 a (ġdid)

Artikolu2–paragrafu2–ittra (a)	*Emenda*
	3a. Il-fastidju sesswali għandu jitqies skont it-termini tal-paragrafu 1 bħala diskriminazzjoni f'każ ta' mġiba mhux mixtieqa b'konnotazzjonijiet sesswali, li jiġi espress f'livell fiżiku, verbali jew mhux verbali, u jkollu bħala oġġett jew konsegwenza l-leżjoni tad-dinjità ta' persuna u li joħloq ambjent intimidatorju, ostili, degradanti, umiljanti jew offensiv.

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li jerġa' jissemma, anki f'din id-direttiva, il-fastidju sesswali, b'riferiment partikolari għad-diskriminazzjonijiet minħabba mottivi ta' orjentament sesswali.

Emenda 31

Proposta ta' direttiva
Artikolu 2–paragrafu 4

Artikolu2–paragrafu2–ittra (a)	*Emenda*
4. Istruzzjoni li tiddiskrimina kontra persuni minħabba kwalunkwe mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 1 għandhom ikunu ikkunsidrati li jkunu diskriminazzjoni fis-sens tal-paragrafu 1.	4. Istruzzjoni li tiddiskrimina kontra persuni minħabba kwalunkwe mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 1 għandhom ikunu ikkunsidrati li jkunu diskriminazzjoni fis-sens tal-paragrafu 1.

Ġustifikazzjoni

Għall-koerenza huwa utli li tiddaħħal il-konsiderazzjoni tal-"mottivi multipli" ukoll dwar l-istruzzjoni li tiddiskrimina.

Emenda 32

Proposta ta' direttiva
Artikolu 2–paragrafu 5

Artikolu2–paragrafu2–ittra (a)	*Emenda*
5. Ċaħda ta' akkomodazzjoni raġonevoli f'każ partikolari kif provdut fl-Artikolu 4 (1)(b) ta' din id-Direttiva fir-rigward ta' persuni b'diżabilitajiet għandhom ikunu kkunsidrati li jkunu diskriminazzjoni fis-sens tal-paragrafu 1.	5. Ċaħda ta' akkomodazzjoni raġonevoli hija meqjusa bħala diskriminazzjoni fl-ambitu tat-tifsira ta' paragrafu 1, bħal fil-każ partikolari stipulat fl-Artikolu 4, paragrafu 1, punt b ta' din id-Direttiva, vis-à-vis persuni b'diżabilità jew persuni relatati magħhom.

Ġustifikazzjoni

Huwa neċessarju li tiġi ggarantita l-koerenza u li tiġi prevista anki f'dan il-kuntest id-diskriminazzjoni għall-assoċjazzjoni.

Emenda 33

Proposta ta' direttiva
Artikolu 2–paragrafu 6

Artikolu2–paragrafu2–ittra (a)	*Emenda*
6. Minkejja l-paragrafu 2, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu li differenzi fi	6. Minkejja l-paragrafu 2, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu li differenzi fi

trattament għal raġunijiet ta’ età ma għandhomx jikkostitwixxu diskriminazzjoni, jekk, fil-kuntest ta’ liġi nazzjonali, huma ġustifikati minn għan leġittimu, u jekk il-mezzi ta’ ksib ta’ dak l-għan huma xierqa u neċessarji. B’mod partikolari, din id-Direttiva ma għandhiex tipprekludi l-istabbiliment ta’ età speċifika għall-aċċess għal benefiċċji soċjali, għal edukazzjoni u għal ċerti provvisti jew servizzi.	trattament għal raġunijiet ta’ età ma għandhomx jikkostitwixxu diskriminazzjoni, jekk, fil-kuntest ta’ liġi nazzjonali, huma ġustifikati minn għan leġittimu, u jekk il-mezzi ta’ ksib ta’ dak l-għan huma xierqa u neċessarji. B’mod partikolari, din id-Direttiva ma għandhiex tipprekludi l-istabbiliment ta’ età speċifika għall-aċċess għal benefiċċji soċjali, għal edukazzjoni u għal ċerti provvisti jew servizzi.

Emenda 34

Proposta ta' direttiva
Artikolu 2–paragrafu 7

Artikolu2–paragrafu2–ittra (a)	*Emenda*
7. Minkejja l-paragrafu 2, fl-għoti ta’ servizzi finanzjarji l-Istati Membri jistgħu jippermettu differenzi proporzjonati fi trattament fejn, għall-prodott ikkonċernat, l-użu ta’ età jew diżabilità bħalahuwa fattur ewlieni fl-evalwazzjoni ta’ riskju bbażat fuq dejta preċiża attwarjali jew ta’ statistika.	7. Minkejja l-paragrafu 2, fl-għoti ta’ servizzi finanzjarji l-Istati Membri jistgħu jippermettu differenzi proporzjonati fi trattament fejn, għall-prodott ikkonċernat, l-użu ta’ età jew diżabilità bħalahuwa fattur ewlieni fl-evalwazzjoni ta’ riskju bbażat fuq dejta preċiża attwarjali jew ta’ statistika. ***L-Istati Membri interessati għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u jiżguraw li d-dejta akkurata u rilevanti għall-użu tal-età u tad-diżabilità bħala fatturi determinanti fil-valutazzjoni tar-riskji tkun miġbura, ippubblikata u aġġornata regolarment.*** ***L-Istati Membri huma marbtin jeffettwaw valutazzjoni wara 5 snin mid-data tat-traspożizzjoni tad-direttiva, filwaqt li jittieħed kont tar-rapport tal-Kummissjoni, u li jittrasmettu r-riżultati tal-valutazzjoni lill-Kummissjoni.***

Ġustifikazzjoni

Huwa neċessarju li jiġi evitat li - għal dak li għandu x'jaqsam mal-aċċess u s-sottoskrizzjoni tas-servizzi finanzjarji, assikurattivi, u bankarji - fatturi bħalma huma l-età u d-diżabilità jintużaw biex jiddaħħal trattament inġustifikat (anqas favorevoli) u diskriminatorju.

Emenda 35

Proposta ta' direttiva
Artikolu 2–paragrafu 8

Artikolu2–paragrafu2–ittra (a)	*Emenda*
8. Din id-Direttiva għandha tkun bla ħsara għal miżuri ġenerali stabbiliti fil-liġi nazzjonali li, f'soċjetà demokratika, huma neċessarji għal sigurtà pubblika, għażżamma ta' l-ordni pubblika u l-prevenzjoni ta' offiżi kriminali, għall-protezzjoni tas-saħħa u l-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' oħrajn.	8. Din id-Direttiva għandha tkun bla ħsara għal miżuri ġenerali stabbiliti fil-liġi nazzjonali li, f'soċjetà demokratika, huma neċessarji għal sigurtà pubblika, għażżamma ta' l-ordni pubblika u l-prevenzjoni ta' offiżi kriminali, għall-protezzjoni tas-saħħa u l-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' oħrajn. ***Hija bl-istess mod bla ħsara għal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa.***

Emenda 36

Proposta ta' direttiva
Artikolu2–paragrafu 8 a (ġdid)

Artikolu2–paragrafu2–ittra (a)	*Emenda*
	8a. Id-direttiva preżenti tagħraf li d-dritt għar-riżervatezza huwa strument għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjonijiet imsemmijin fl-artikolu preżenti.

Ġustifikazzjoni

Jitqies li huwa utli li tiġi sottolineata l-importanza tad-dritt għar-riżervatezza per se u bħala strument ta' ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, sakemm is-soċjetà ma tirrifjuta l-isterjotipi u tegħleb il-biża' mid-differenzi.

Emenda 37

Proposta ta' direttiva
Artikolu 3 – paragrafu1 –punt a

Artikolu2–paragrafu2–ittra (a)	*Emenda*
(d) Aċċess għal u provvista ta' oġġetti u servizzi oħra li huma disponibbli għall-pubbliku, inkluż akkomodazzjoni.	(d) Aċċess għal u provvista ta' oġġetti u servizzi oħra li huma disponibbli għall-pubbliku, ***bħalma huma l-***akkomodazzjoni ***u t-trasport, fil-miżura fejn il-kwestjoni***

relevanti tolqot il-kompetenzi tal-Komunità.

Ġustifikazzjoni

Huwa utli li jsir riferiment għal oqsma speċifiċi, bħalma huma l-akkomodazzjoni u t-trasport, b'mod eżemplifikattiv u mhux eżawstiv.

Emenda 38

Proposta ta' direttiva
Artikolu 3–paragrafu 1–subparagrafu

Artikolu2–paragrafu2–ittra (a)	*Emenda*
Subparagrafu (d) għandu japplika għal individwi biss safejn ikunu qed iwettqu attività professjonali jew kummerċjali.	***Fl-applikazzjoni ta' punt d), għandu jkun żgurat ir-rispett għall-ħajja privata ta' individwi.***

Emenda 39

Proposta ta' direttiva
Artikolu3–paragrafu1–ittra d a (ġdida)

Artikolu2–paragrafu2–ittra (a)	*Emenda*
	(da) d a) għall-affiljazzjoni u għall-attività b'assoċjazzjoni kif ukoll għall-prestazzjonijiet li ġejjin minn dawn l-organizzazzjonijiet.

Ġustifikazzjoni

Huwa opportun li jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni l-assoċjazzjonijiet.

Emenda 40

Proposta ta' direttiva
Article 3 – paragraph 2

Artikolu2–paragrafu2–ittra (a)	*Emenda*
2. Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għal liġijiet nazzjonali dwar l-istat ċivili jew familjari u drittijiet riproduttivi.	2. ***2. Salvi u fermi l-kompetenzi tal-Istati Membri f'dak li għandu x'jaqsam mal-istat konjugali jew tal-familja u d-drittijiet ta' riproduzzjoni, id-direttiva preżenti***

	tapplika għall-parternarjati di fatto u għall-unjonijiet ċivili, kulfejn jkun rikonoxxuti mill-ordinament tal-Istati Memrbi, u mill-prestazzjonijiet soċjali li joħorġu mill-istess.

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li jiġi inkluż dan ir-riferiment biex isegwi l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Emenda 41

Proposta ta' direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 3

Artikolu2–paragrafu2–ittra (a)	*Emenda*
3. Din id-Direttiva hija bla ħsara għar-responsabbiltajiet ta' Stati Membri għall-kontenut ta' tagħlim, attivitajiet u l-organizzazzjoni tas-sistemi edukattivi tagħhom, inkluż l-għoti ta' edukazzjoni ta' bżonnijiet speċjali. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal differenzi fi trattament għal aċċess f'istituzzjonijiet edukattivi bbażati fuq reliġjon jew twemmin.	3. Mingħajr ma wieħed jidħol fuq il-kompetenzi tal-Istati Membri f'dak li għandu x'jaqsam mal-edukazzjoni, l-istruzzjoni, il-formazzjoni u r-responsabbiltà tagħhom għall-kontenuti tat-tagħlim, l-attivitajiet u l-organizzazzjoni tas-sistemi ta' apprentistat tagħhom, id-direttiva preżenti timmira li jiggarantixxi proċessi ta' inklużjoni u integrazzjoni u li jkun disponibbli tagħlim speċjali għall-persuni diżabbli. L-Istati Membri jistgħu jippermettu d-differenzi ta' trattament fl-aċċess għall-istituti skolastiċi msejsin fuq ir-reliġjon jew konvinzjoni bil-kondizzjoni li dawn id-differenzi ma jikkostitwixxux diskriminazzjoni bbażata fuq motiv jew motivi oħra u li dawn ikunu neċessarji u proporzjonati u ma jikkostitwixxux ksur tad-dritt għall-edukazzjoni.

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li l-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva jikkunsidra b'mod adegwat l-edukazzjoni, l-istruzzjoni u l-formazzjoni sabiex ikunu evitati d-diskriminazzjonijiet.

Emenda 42

Proposta ta' direttiva
Artikolu 3–paragrafu 5

Artikolu2–paragrafu2–ittra (a)	*Emenda*
5. Din id-Direttiva ma tkoprix differenzi ta' trattament ibbażati fuq nazjonalità u hija bla ħsara għal dispożizzjonijiet u kundizzjonijiet li jirrigwardaw id-dħul u r-residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat fit-territorju ta' Stati Membri, u għal kwalunkwe trattament li jinħoloq mis-sitwazzjoni legali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat ikkonċernati.	***imħassar***

Ġustifikazzjoni

Ġa hemm korp normattiv speċifiku in materja.

Emenda 43

Proposta ta' direttiva
Artikolu 4–paragrafu 1

Artikolu2–paragrafu2–ittra (a)	*Emenda*
Trattament ugwali ta' persuni b'diżabilitajiet	Trattament ugwali u diżabilità
1. Sabiex ikun garantit twettiq tal-prinċipju ta' trattament ugwali fir-rigward ta' persuni b'diżabilitajiet:	1. 1. Sabiex ikun iggarantit ir-rispett tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament tal-persuni b'diżabilità u tal-persuni li jkollhom rabta magħhom jew li jieħdu ħsiebhom:

Ġustifikazzjoni

Huwa neċessarju li titqies l-ugwaljanza fit-trattament għal dak li għandu x'jaqsam kemm mad-diżabbli kif ukoll ma' dawk li jieħdu ħsiebhom.

Emenda 44

Proposition de directive
Artikolu 4 – paragrafu 1– parti introduttorja

Artikolu2–paragrafu2–ittra (a)	*Emenda*
1. Sabiex ikun garantit twettiq tal-prinċipju	1. Sabiex ikun garantit twettiq tal-prinċipju

ta’ trattament ugwali fir-rigward ta’ persuni b’diżabilitajiet:	ta’ trattament ugwali fir-rigward ta’ persuni b’diżabilitajiet, id-diżabilità kif definita fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b’diżabilità u l-persuni milquta minn mardiet kroniċi, huma inklużi f’din il-kategorija:

Emenda 45

Proposta ta' direttiva
Artikolu4–paragrafu2 a (ġdid)

Artikolu2–paragrafu2–ittra (a)	*Emenda*
	2a. L-Istati Membri jieħdu in kunsiderazzjoni l-interessi u l-ħtiġiet tad-diversi gruppi ta' persuni diżabbli skont ma jkunu d-diversi diżabbiltajiet kemm tas-sess, età, razza jew oriġini etnika, reliġjon jew konvinzjoni personali, orjentament sesswali, u fawturi oħrajn ta' diskriminazzjoni.

Ġustifikazzjoni

Waqt li tkun ikkunsidrata l-ugwaljanza fit-trattament tal-persuni diżabbli, huwa neċessarju li jitqiesu l-fatturi kollha - orrizontali u mhumiex - li wieħed jista' jassoċja mad-diżabilità.

Emenda 46

Proposta ta' direttiva
Artikolu 4 a (ġdid)

Artikolu2–paragrafu2–ittra (a)	*Emenda*
	Artikolu 4 a
	L-età u l-aċċess għall-bini u għas-servizzi
	L-Istati Membri għandhom jipprovdu aċċess effettiv u mhux diskriminatorju permezz ta' interventi approprjati, magħduda l-eliminazzjoni ta' xkiel fiżiku, l-aktar fl-edifiċi pubbliċi u fil-mezzi tat-trasport pubbliċi wkoll għall-minuti u għall-anzjani u dawk li jieħdu ħsiebhom.

Ġustifikazzjoni

L-emenda tissenja l-obbligu tal-interventi xierqa fit-taqbida kontra d-diskriminazzjonijiet marbutin mal-età għad-dannu tal-minuri u tal-anzjani.

Emenda 47

Proposta ta' direttiva
Artikolu 5

Artikolu2–paragrafu2–ittra (a)	*Emenda*
Sabiex tkun żgurata ugwaljanza totali fil-prattika, il-prinċipju ta' trattament ugwali ma għandux jostakola kwalunkwe Stat Membru milli jżomm jew jadotta miżuri speċifiċi sabiex jipprevjeni jew jikkumpensa żvantaġġi konnessi ma' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali.	Sabiex tkun żgurata ugwaljanza totali fil-prattika, il-prinċipju ta' trattament ugwali ma għandux jostakola kwalunkwe Stat Membru milli jżomm jew jadotta miżuri speċifiċi sabiex jipprevjeni jew jikkumpensa żvantaġġi konnessi ma' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali.

Emenda 48

Proposta ta' direttiva
Artikolu5–paragrafu 1 a (ġdid)

Artikolu2–paragrafu2–ittra (a)	*Emenda*
	1a. L-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri finalizzati għall-promozzjoni tal-ugwaljanza fit-trattament u għall-opportunitajiet indaqs - filwaqt li titqies id-dimensjoni tas-sess - għall-persuni li għandhom reliġjon jew konvinzjoni partikolari, diżabilità, età jew orjentament sesswali partikolari.

Ġustifikazzjoni

Huwa opportun li jsiru effikaċi l-azzjonijiet pożittivi permezz ta' promozzjoni attiva tal-ugwaljanza tat-trattament.

Emenda 49

Proposta ta' direttiva
Artikolu 5–paragrafu 1 b (ġdid)

Artikolu2–paragrafu2–ittra (a)	*Emenda*
	1b. Il-preżenti direttiva ma tippreġudikax il-possibilità tal-Istati Membri li jipprevedu trattamenti preferenzjali jew li jadottaw azzjonijiet pożittivi bl-objettiv li jirrispondu għall-ħtiġiet speċifiċi ta' persuni jew kategoriji ta' persuni li, minħabba l-karatteristiċi tagħhom jeħtieġu strutturi, servizzi u assistenza li ma jkunux meħtieġa għal persuni oħrajn.

Ġustifikazzjoni

Huwa opportun li l-azzjonijiet pożittivi jsiru effikaċi permezz ta' promozzjoni attiva tal-ugwaljanza ta' trattament u miżuri kalibrati għall-ħtiġiet speċifiċi tal-persuni.

Emenda 50

Proposta ta' direttiva
Artikolu 7–paragrafu 1 b (ġdid)

Artikolu2–paragrafu2–ittra (a)	*Emenda*
	1b. L-Istati Membri għandhom jipprovdi illi, fejn ikunu aċċertati kawżi multipliċi, denunzja waħda tkun tista' tiġi respinta biss b'motivazzjoni waħda jew konsiderazzjoni oħra applikabbli għall-kawżi kollha li għalihom tirreferi d-denunzja. B'danakollu, jekk tkun aċċertata kawża unika, id-denunzja tista' tkun respinta b'kull motivazzjoni jew kunsiderazzjoni attinenti biss għal tali kawża.

Ġustifikazzjoni

Huwa neċessarju li l-Istati Membri jiggarantixxu possibilità ta' rikors adegwati għall-vittmi ta' diskriminazzjoni multipla.

Emenda 51

Proposta ta' direttiva
Artikolu 10

Artikolu2–paragrafu2–ittra (a)	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji, skond is-sistemi nazzjonali ġudizzjarji tagħhom, sabiex jiżguraw li, meta persuni li jħossuhom li sar nuqqas kontrihom minħabba li l-prinċipju ta' trattatment ugwali ma kienx applikat għalihom jistabbilixxu, quddiem qorti jew awtorità kompetenti oħra, fatti li minnhom jista' jkun preżunt li kien hemm diskriminazzjoni diretta jew indiretta, għandu jkun f'idejn il-konvenut li jagħti prova li ma kienx hemm ksur tal-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni.	1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji, skond is-sistemi nazzjonali ġudizzjarji tagħhom, sabiex jiżguraw li, meta persuni li jħossuhom li sar nuqqas kontrihom minħabba li l-prinċipju ta' trattatment ugwali ma kienx applikat għalihom jistabbilixxu, quddiem qorti jew awtorità kompetenti oħra, fatti li minnhom jista' jkun preżunt li kien hemm diskriminazzjoni diretta jew indiretta, għandu jkun f'idejn il-konvenut li jagħti prova li ma kienx hemm ksur tal-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni.

Ġustifikazzjoni

Emenda

Emenda 52

Proposta ta' direttiva
Article 8 – paragraph 2

Artikolu2–paragrafu2–ittra (a)	*Emenda*
2. Il-paragrafu 1 ma għandux jostakola Stati Membri milli jintroduċu regoli ta' evidenza li huma iktar favorevoli għal rikorrenti.	2. Il-paragrafu 1 ma għandux jostakola Stati Membri milli jintroduċu regoli ta' evidenza li huma iktar favorevoli għal rikorrenti.

Ġustifikazzjoni

Huwa utli tipprevedi li l-Istati Membri jkunu jistgħu jiddisponu dispożizzjonijiet aktar favorevoli għall-partijiet attriċi fl-ambitu tal-proċedura tar-rikors.

Emenda 53

Proposta ta' direttiva
Artikolu 10

Artikolu2–paragrafu2–ittra (a)	*Emenda*
Stati Membri għandhom jiżguraw li d-dispożizzjonijiet adottati skond din id-Direttiva, flimkien mad-dispożizzjonijiet diġà fis-seħħ, jitpoġġew fl-attenzjoni tal-persuni kkonċernati permezz ta' mezzi approprjati fit-territorju tagħhom.	Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dispożizzjonijiet adottati skond din id-Direttiva, flimkien mad-dispożizzjonijiet diġà fis-seħħ, jitpoġġew fl-attenzjoni tal-pubbliku u tal-persuni kkonċernati - b'kampanji ta' informazzjoni u tal-istampa ffinalizzati wkoll għat-tneħħija tal-isterjotipi - permezz ta' mezzi opportuni, adegwati u aċċessibbli fit-territorju Ewropew kollu.

Ġustifikazzjoni

Sabiex ir-rispett għall-prinċipju tal-ugwaljanza tat-trattament ikun magħruf, rispettat u applikat b'mod effikaċi huwa neċessarju li ssir kampanja informattiva kapillari u li jintużaw mezzi adegwati bħalma hija l-lingwa tas-sinjali jew paġni web speċifiċi għal dawk li għandhom nuqqasijiet fil-vista.

Emenda 54

Proposta ta' direttiva
Artikolu 11

Artikolu2–paragrafu2–ittra (a)	*Emenda*
Sabiex ikun promoss il-prinċipju ta' trattament ugwali, l-Istati Membri għandhom iħeġġu djalogu ma' partijiet interessati rilevanti, b'mod partikolari organizzazzjonijiet mhux governattivi, li għandhom, skond il-liġi u l-prattika nazzjonali, interess leġittimu sabiex jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra diskriminazzjoni għar-raġunijiet u fl-oqsma koperti minn din id-Direttiva.	Sabiex ikun promoss il-prinċipju ta' trattament ugwali, l-Istati Membri għandhom iħeġġu djalogu ma' partijiet interessati rilevanti, b'mod partikolari organizzazzjonijiet mhux governattivi, li għandhom, skond il-liġi u l-prattika nazzjonali, interess leġittimu sabiex jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra diskriminazzjoni għar-raġunijiet u fl-oqsma koperti minn din id-Direttiva.

Ġustifikazzjoni

L-Istati Membri għandhom isostnu d-djalogu mal-partijiet interessati li għandu jiġi estiż għal kulmin huwa interessat u impenjat fil-promozzjoni tal-ugwaljanza fit-trattament u tal-opportunitajiet indaqs.

Emenda 55

Proposta ta' direttiva
Artikolu 12–paragrafu 1

Artikolu2–paragrafu2–ittra (a)	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jaħtru korp jew korpi għall-promozzjoni ta' trattament ugwali tal-persuni kollha irrispettivament mir-reliġjon jew mit-twemmin tagħhom, diżabilità, età, jew orjentazzjoni sesswali. Dawn il-korpi jistgħu jiffurmaw parti minn aġenziji inkarigati fuq livell nazzjonali bid-difiża ta' drittijiet tal-bniedem jew is-salvagwardja ta' drittijiet ta' individwi, inkluż drittijiet skond atti Komunitarji oħra inklużi d-Direttivi 2000/43/KE u 2004/113/KE.	1. L-Istati Membri għandhom jaħtru korp jew korpi għall-promozzjoni ta' trattament ugwali tal-persuni kollha irrispettivament mir-reliġjon jew mit-twemmin tagħhom, diżabilità, età, jew orjentazzjoni sesswali. Dawn il-korpi jistgħu jiffurmaw parti minn aġenziji inkarigati fuq livell nazzjonali bid-difiża ta' drittijiet tal-bniedem jew is-salvagwardja ta' drittijiet ta' individwi, inkluż drittijiet skond atti Komunitarji oħra inklużi d-Direttivi 2000/43/KE u 2004/113/KE. ***Jekk kemm-il darba jkunu twaqqfu korpi ta' ugwaljanza indipendenti, distinti fuq il-bażi tad-diversi fatturi ta' diskriminazzjoni, il-persun li tqis ruħha vittma tad-diskriminazzjoni multipla tista' tagħżel għand liema korp għandha tirrikorri - ukoll biex tagħtih mandat ħalli tkun difiża fi proċeduri ġudizzjarji jew amministrattivi - u fuq dan jaqa' l-oneru li jikkonsidra fil-kumpless tagħha s-sitwazzjoni diskriminatorja senjalata.***

Ġustifikazzjoni

Huwa neċessarju li jiġu adegwati s-sistema u l-organizzazzjoni tal-korpi ta' ugwaljanza biex ikun hemm tħejjija adegwata għall-każijiet ta' diskriminazzjoni multipla.

Emenda 56

Proposta ta' direttiva
Artikolu 12–paragrafu 2, inċiż 2

Artikolu2–paragrafu2–ittra (a)	*Emenda*
	– l-iżvolġiment ta' kampanji ta' informazzjoni u ta' attivitajiet ta' formazzjoni.

Ġustifikazzjoni

Huwa opportun li jinfetħu l-kompetenzi tal-korpi ta' ugwaljanza biex jiddaħħlu wkoll il-kompiti ta' formazzjoni u informazzjoni.

Emenda 57

Proposta ta' direttiva
Artikolu 13–ittra b

Artikolu2–paragrafu2–ittra (a)	*Emenda*
(b) kwalunkwe dispożizzjonijiet kuntrattwali, regoli interni ta' impriżi, u regoli li jirregolaw assoċjazzjonijiet li jagħmlu profitt jew li ma jagħmlux profitt u li jmorru kontra l-prinċipju ta' trattament ugwali huma, jew jistgħu jkunu, iddikjarati nulli jew jiġu emendati.	(b) kwalunkwe dispożizzjonijiet kuntrattwali, regoli interni ta' impriżi, u regoli li jirregolaw assoċjazzjonijiet li jagħmlu profitt jew li ma jagħmlux profitt u li jmorru kontra l-prinċipju ta' trattament ugwali huma, jew jistgħu jkunu, iddikjarati nulli jew jiġu emendati.

Ġustifikazzjoni

Huwa opportun li l-provvedimenti biex jiġi ggarantit ir-rispett għall-prinċipju tal-ugwaljanza tat-trattament jiġu estiżi wkoll għall-entijiet pubbliċi.

Emenda 58

Proposta ta' direttiva
Artikolu 14

Artikolu2–paragrafu2–ittra (a)	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar sanzjonijiet applikabbli għall-ksur ta' dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skond din id-Direttiva, u għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji sabiex jiżguraw li jkunu applikati. Is-sanzjonijiet jistgħu jinvolvu l-ħlas ta' kumpens, li ma jistax ikun ristrett bl-istabbiliment ta' limitu preċedenti ta' fuq, u għandu jkun effettiv, proporzjonat u dissważiv.	L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar sanzjonijiet applikabbli għall-ksur ta' dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skond din id-Direttiva, u għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji sabiex jiżguraw li jkunu applikati. Is-sanzjonijiet jistgħu jinvolvu l-ħlas ta' kumpens, li ma jistax ikun ristrett bl-istabbiliment ta' limitu preċedenti ta' fuq, u għandu jkun effettiv, proporzjonat u dissważiv u jwasslu għall-waqfien tal-imġiba diskriminatorja u għat-tneħħija tal-effetti.Or. it

Ġustifikazzjoni

Affinché il rispetto del principio della parità di trattamento sia effettivo, è necessaria un' adeguate definizione dell''applicazione delle sanzioni.

Emenda 59

Proposta ta' direttiva
Artikolu 16 a (ġdid)

Artikolu2–paragrafu2–ittra (a)	*Emenda*
	16a. 16 a. Mil-lum il-…, il-Kummissjoni għandha tipprepara u tibda proċedura ta' approvazzjoni ta' proposta li għandha l-għan li tikkoordina din id-Direttiva ma' Direttivi li jinsabu fis-seħħ fil-qasam tal-opportunitajiet indaqs u n-nuqqas ta' diskriminazzjoni.

PROCEDURE

Titolu	Equal treatment of persons irrespective of religion or belief, disability, age or sexual orientation
References	(COM(2008)0426 – C6-0291/2008 – 2008/0140(CNS))
Committee responsible	LIBE
Opinion by Date announced in plenary	FEMM 2.9.2008
Drafts(wo)man Date appointed	Donata Gottardi 9.10.2008
Date adopted	10.2.2009
Result of final vote	+: 15 –: 11 0: 1
Members present for the final vote	Edit Bauer, Hiltrud Breyer, Edite Estrela, Ilda Figueiredo, Věra Flasarová, Lissy Gröner, Urszula Krupa, Roselyne Lefrançois, Pia Elda Locatelli, Astrid Lulling, Siiri Oviir, Doris Pack, Marie Panayotopoulos-Cassiotou, Zita Pleštinská, Anni Podimata, Christa Prets, Teresa Riera Madurell, Eva-Riitta Siitonen, Eva-Britt Svensson, Britta Thomsen, Corien Wortmann-Kool, Anna Záborská
Substitute(s) present for the final vote	Gabriela Crețu, Ana Maria Gomes, Donata Gottardi, Elisabeth Jeggle, Maria Petre